**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 6 ta' April 2017**

Rikors Guramentat Nru. 126 / 16RGM

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C D E`;**
**Direttur Registru Pubbliku; u**
**Antonella E` li permezz ta' digriet datat 23 ta' Gunju 2016**
**giet mahtura bhala kuratrici deputat sabiex tirraprezenta lill-minuri**
**F G E`**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi fl-10 ta' Settembru, 2015, gewwa l-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, L-Imsida, Malta twieled il-minuri bl-isem ta' F G E mill-intimata C D E u missier mhux maghruf, u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-istess minuri illi jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4773/2015 li jindika lill-missier il-minuri bhala 'Unknown Father';

Illi, in vista tar-relazzjoni intima li kienet tezisti bejn l-attur u bejn l-intimata C D E fiz-zmien tal-koncepiment, l-attur ghandu raguni bizzejjed illi jemmen li huwa l-missier naturali tal-istess wild, u ghaldaqstant irid illi jirrikonoxxi lill-istess minuri bhala ibnu skont il-Ligi;

Illi, minkejja li l-attur interpella lill-intimata C D E b'ittra ufficjali Numru 151/2015, ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u liema ittra ufficjali giet notifikata lill-intimata nhar it-12 ta' Frar, 2016, sabiex, fi zmien xahrejn min-notifika tal-istess ittra ufficjali, tipprezenta Nota li, permezz taghha, taccetta u taqbel li ssir ir-registrazzjoni biex tali rikonoxximent ikun jista' jsir, sabiex b'hekk tkun tista'tigi effettwata r-registrazzjoni skont il-Ligi, l-intimata C D E baqghet ma pprezentat l-ebda Nota li permezz taghha taccetta u taqbel li ssir ir-registrazzjoni relattiva sabiex tali rikonoxximent ikun jista' jsir;

Illi l-proviso tal-artiklu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola li, meta l-omm ma twegibx fiz-zmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu nteress jista' jmexxi b'Rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna li ma tkunx hekk qablet, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi;

Illi l-attur ma baqghalu l-ebda alternattiva ohra sabiex jirrikonoxxi lil ibnu minuri hlief li jintavola dawn il-proceduri;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna li jsiru t-testijiet genetici necessarji kollha li minnhom ghandu jirrizulta li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri F G E;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri F G E;

3. Tawtorizza u tordna l-korrezzjoni tal-Att ta' twelid li jgib in-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni 4773/2015 tal-minuri F G E, fis-sens illi :

   i. Fil-kolonna ntestata ‘isem u kunjom missier it-tarbija' tikkancella l-kliem 'unkown father' u minflok jigi inseriti dawn il-konnotati u cioe' A B, Karta ta' l-Identita' numru 0154393(M), Eta' 22 sena, mwieled Gwardamangia, Malta u residenti l-Gzira, Malta, bin Joseph B (haj);

   ii. Fil-kolonna fejn hemm indikat 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’, issir emenda fis-sens illi l-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha jigu korretti ghal 'F G B E;

4. Tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel u tat-tieni talba, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez, inkluza dawk ta' l-ittra ufficjali numru 151/2015, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D E` li taqra kif gej:-

1. Illi hija welldet tifel F G E fl-10 ta' Settembru 2015 u ghalhekk it-tifel illum ghandu biss ghaxar xhur.

2. Illi fuq ic-certifikat tat-twelid, fid-dettalji tal-missier huwa minnu li hemm imnizzel missier mhux maghruf.

3. Illi huwa l-attur li ghandu jgib il-provi fil-kawza odjerna sabiex jipprova dak li qed jallega u cjoe li hu huwa l-missier biologiku tat-tarbija.

4. Illi huwa qatt ma kkontribwixxa xejn ghat-tarbija, u qatt ma hallas lill-konvenuta manteniment ghat-tifel izda fl-istess hin fir-Rikors Guramentat tieghu qed jallega li jemmen li hu l-missier.

5. Illi ghandu jsir test tad-DNA sabiex jigi ikkonstatat jekk l-attur huwiex il-missier biologiku.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors odjern seduta stante nhar is-27 ta' Settembru 2016 bil-fakolta' sabiex jipprezenta t-twegiba tieghu fi zmien ghoxrin jum;

2. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba ta' l-attur l-esponenti jistieden lir-rikorrent A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieled il-minuri F G E, (4) il-post tat-twelid

tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel F G. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi F G bin-numru ta' registrazzjoni erbat elef sebgha mija u erbgha u sebghin tal-elfejn u hmistax (4774/2015);

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F G a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qeghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-attur tal-10 ta’ Marzu 2017, mhux oppost mill-konvenuta E, li permezz tieghu talab li fl-att tat-twelid tal-minuri jigi indikat illi l-post tat-twelid tal-attur huwa “Pieta’” u mhux “Gwardamangia”.

Ikkunsidrat.

Il-kawza odjerna hija kawza ta’ filjazzjoni ta’ tarbija li twieldet lill-konvenuta E fl-10 ta’ Settembru 2015 f’liema jum il-konvenuta ma kinitx mizzewga. Fic-certifikat tat-twelid hemm indikat li l-missier ma hux maghruf.

Fir-risposta guramentata taghha l-konvenuta E teccepixxi illi “...ghandu jsir test tad-DNA sabiex jigi ikkonstatat jekk l-attur huwiex il-missier biologiku”.

B’digriet tas-27 ta’ Settembru 2016 l-Qorti innominat bhala esperta gudizzjarja lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet xjentifici fuq l-attur, fuq l-omm u fuq it-tarbija sabiex tirrilaxxja test tad-DNA, liema test jinsab ezebiet a fol. 43 tal-process. Mit-test tad-DNA jirrizulta illi verament l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri.

Sussegwenti ghar-rapport tad-DNA il-partijiet bdew negozjati sabiex jintlahaq ftehim dwar dak kollu li jikkoncerna l-minuri tant li sew fl-udjenza tas-6 ta’ Dicembru 2016 kif ukoll fl-udjenza tad-9 ta’ Frar 2017 gie verbalizzat ftehim

milhuq bejn il-partijiet rikgwardani l-mantaniment pagabbli mill-missier kif ukoll il-modalita’ tal-access tieghu versu l-minuri.

Ikkonsidrat

**Artiklu 86 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*“86. It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista’ jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta’ tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b’ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta’ dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta’ nota preżentata fl-atti ta’ dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f’liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma’ dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta’ xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollui nteress jista’ jmexxi b’rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta’ dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.”*

L-attur istitwixxa l-kawza odjerna bis-sahha tal-artikolu appena citat.

**Artiklu 100A tal-Kap 16** jipprovdi hekk:

*“F’kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista’, mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.”*

Ir-rapport tad-DNA ma jhalli l-ebda dubju illi l-attur huwa effettivament il-missier bijologiku tat-tarbija.  .

Mit-testijiet tad-DNA jirrizulta li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri. Il-Qorti ghalhekk ser tordna li isem l-attur jigi inserit bhala missier it-tarbija fl-att tat-twelid tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva b'approvazzjoni illi fil-mori tal-kawza, appena gie stabbilit minghajr ebda ombra ta' dubju li l-attur huwa effettivament missier il-miuri, il-partijiet lahqu ftehim sew dwar il-manteniment pagabbli mill-missier versu l-minuri kif ukoll dwar l-access li huwa ghandu jezercita.

Il-partijiet lahqu ftheim ukoll (ara verbal tal-udjenza tad-9 ta' Frar 2017) illi l-minuri ghandu jiehu l-kunjom "B E".

**Artikolu 92 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jiehu kunjom l-omm."

**Sub-inciz 6** tal-istess artikolu jipprovdi illi:-

"(6) Id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu ieħor fil-Kodiċi, meta l-paternità ta' persuna tkun ġiet magħrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b'konsegwenza ta' dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur inizżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-Att ta' twelid rilevanti ta' min ikun ġie hekk magħruf jew li tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu jew li dwaru għandha tapplika dik il-preżunzjoni."

Bis-sahha tal-artikoli tal-ligi appena citati l-Qorti qed tordna illi l-minuri ghandu jiehu l-kunjom "B E".

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentaata tal-konvenuta E u tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kompatibilment ma' dak hawn deciz,

1. Tilqa` l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri F G E imwieled fl-10 ta' Settembru 2015.

2. Tilqa` t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att ta' Twelid tal-minuri bin-numru 631/2008, huwa jikkancella l-kliem "unknown father" u kull fejn hemm referenza ghall-missier, jigu inseriti id-dettalji tal-attur skont il-konnotati tieghu kif indikati a fol 31 tal-process b'dan illi l-post tat-twelid tal-missier jigi indikat bhala "Pieta'"..

3. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "B E".

Bl-ispejjez tal-attur u tal-konvenuta E jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghall-ispejjez tar-rapport tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar li ghandhom jigu sopportati mill-attur u l-konvenuta E f'sehem indaqs bejniethom.

Bl-ispejjez tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbiku a karigu tal-attur u tal-konvenuta E f'sehem indaqs bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**